**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 29 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**John Mifsud, detentur tal-karta tal-identita` numru 140675M**

*Kumpilazzjoni Nru. 563/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat John Mifsud, u cioe` talli:

> Nhar is-26 ta' Awwissu, 2018, ġewwa Triq Pinto, Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq aggravat ta' vettura u oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Francis Zammit u/jew persuni oħra, bi ksur tal-Artikoli 267, 271 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
>
> Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

> Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi irreda ruħu reċidiv, meta hu ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbiddlu u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjea li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-21 ta' Jannar, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni akkuza nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel akkuza li dwarha qed tinstab htija. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-karattru refrattarju tieghu, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Ittiehdet konsiderazzjoni tal-ammissjoni tieghu li

ma jistghax jinghad li saret f'xi stadju bikri; fil-fatt saret hekk kif il-prosekuzzjoni ddikjarat li kien fadalha biss titlob hatra t'espert biex jikkopja filmat minn fuq *pendrive* esebit f'kawza ohra.

Illi f'dan il-kaz piena karcerarja biss tkun wahda idoneja, hekk kif mill-fedina penali tieghu jirrizulta li l-imputat ma gharafx issarraf opportunitajiet moghtija lilu mill-qrati biex jirriforma ruhu fejn lanqas zmien il-habs ma naffru milli jissokta bl-agir kriminuz tieghu.

Illi fil-kaz odjern issib applikazzjoni l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-piena ravvizata bl-artikolu 279(b) tal-Kodici - dik <u>ta' bejn it-tlettax il-xahar u seba snin</u> - ma ghandhiex tinghata fil-*minimum*. L-artikolu 20 tal-Kodici jipprovdi:

> Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem **ikun fiha** għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum.*

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 20, 49, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' seba u tlettin xahar prigunerija.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €341.63 rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**